

NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoarċipretali ta' San Ġorġ | Għawdex

MARZU - APRIL 2009

Nru 167

# Lejn toponomastika Ġorġjana ta' Għawdex

*Rev. Geoffrey George Attard*




Pittura famuża ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, xogħol ta' Edward Caruana Dingli, miżmuma fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-belt Valletta.

It-toponomastika hija l-istudju ta' l-ismijiet tal-postijiet, jew aħjar, kif jiddefiniha Erin Serracino-Inglott fil-*Miklem* tiegħu, "l-istudju u tiftix etimoloġiku dwar in-nisel ta' ismijiet topografiċi".[1] Dan iwassalna biex infissru li t-topografija hija mbagħad dik "il-kitba li fiha wieħed jiddeskrivi bir-reqqa l-għamla naturali ta' xi mkien jew post".

Fil gżira Għawdxija nsibu aktar minn imkien wieħed li ismu huwa marbut ma' San Ġorġ. Fl-imgħoddi l-istoriku Għawdxi John Bezzina kiteb fil-qosor fuq is-suġġett; f'din il-kitba qasira għandi l-ħsieb li nagħti ħarsa lejn dawk il-postijiet f'Għawdex li jsemmu lil San Ġorġ.

**San Ġorġ tar-Rabat**

San Ġorġ tar-Rabat żgur li m'għandu bżonn ebda introduzzjoni. Huwa fatt magħruf f'Għawdex

*jissokta f'paġna 4.*



## Għandna President jismu Ġorġ

**Tagħrif f'paġna 5...**

**f'din il-ħarġa**

San Ġorġ Bażilika: Ħamsin Sena mill-Ġrajja (2) 8

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377 fax: 21 556 981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## San Ġorġ: Patrun ta' belt, Protettur ta' poplu

Hekk kif għadna kemm iċċelebrajna l-festa liturġika ta' San Ġorġ, ta' min jiftakar u jfakkar kemm San Ġorġ huwa għal qalb il-poplu tagħna. Rajna kemm f'dawn il-jiem Ġorġjani bħalna resqu lejn it-tieni dar tagħhom biex jiċċelebraw din il-festa tant għażiża għalina. U din il-lealtà ma bdietx il-lum...

Sa minn dejjem l-Għawdxin, u tar-Rabat fuq quddiem, ħassew li kellhom ifittxu lil San Ġorġ biex iħarishom minn kull tiġrib u għawġ li ż-żmien riedhom isofru. Sa minn meta l-kult tiegħu daħal fostna biex jibqa', fi żmien il-Biżantini, lil San Ġorġ rajnieh dejjem bħala tarka għalina. Mhux l-ewwel darba li l-istatwa titulari tiegħu nħarġet min-niċċa tagħha u sarlu talb speċjali ħalli l-poplu ta' din il-gżira jkun meħlus mit-tiġrib, bħal meta ntlaqat mill-marda qerrieda tal-pesta, tul il-gwerer li rat artna, u meta l-ħamrija tagħna kienet ilha ma tħoss jaħjiha l-qtar tax-xita fuqha. Din ix-xbieha ħelwa tiegħu hi l-oħla ġawhra f'kullana ta' teżori li nsibu fil-bażilika tagħna. U għalhekk bir-raġun li San Ġorġ jissejjaħ "patrun" u "protettur": għaliex wisq speċjali għal gżiritna u l-mimmi t'għajnejn l-Għawdxin. Jekk dan forsi niesna l-lum insietu, missirijietna u l-istorja jfakkruhulna tajjeb wisq!

U kellu raġun il-papa Piju XII isejjaħ lil din il-bażilika tagħna "glorja tagħni ta' ġmiel mill-ikbar li ma jista' jiċħadha ħadd". Dan it-titlu mogħti lil dan it-tempju jirrifletti r-rikonoxximent xieraq u ġust lil parroċċa li, fil-missjoni tagħha mgħixa tul storja li taf lilha qabel taf kull wild ieħor tagħha, sabet tifsira bil-wisq preċiża s-sejħa tal-Knisja bħala *"mater et magistra"*, l-omm u l-għalliema. Kemm nies rifsu l-għatba tal-bieb tagħha biex jieħdu xi servizz, l-aktar biex igawdu ġid kbir tar-ruħ mill-quddies, il-qrar u s-sagramenti l-oħra. U hekk nitolbu li fiż-żmien li ġej tibqa' tkun ta' servizz għall-kotra ta' ġensna li tgħaddi minn fejnha. L-ebda ċensiment ma teħtieġ din il-knisja – għalkemm anki l-istħarriġ ta' xi snin ilu fuq il-quddies tal-Ħadd wera dan – biex jagħti xhieda tal-fama kbira tagħha u s-servizz impekkabbli li qed tagħti.

Il-lum li nistgħu nifirħu bl-istorja tal-parroċċa tagħna, ikun xieraq u doveruż li niftakru f'dawk ta' qabilna li dejjem ħarsu l-interessi ta' San Ġorġ, imqanqla minn xejn iżjed ħlief il-konvinzjoni u d-determinazzjoni ta' wlied veri. Minn qalbna nagħtuhom kull ħajr u nsellmu t-tifkira ħelwa tagħhom, għax nafu u jeħtieġ li nifhmu iżjed kemm tħabtu u ssieltu biex ħarsu isem il-parroċċa tagħna, biex jibqa' wieħed distint u mmarkat b'dik l-identità Ġorġjana li tagħtih sens. Jixraq iżjed li l-aħħar ftit kelmiet inħallihom lil Patri Akkursju Xerri OFM, kif nizzilhom fl-innu mill-isbaħ tiegħu *Ġorġi tagħna*, li jirrifletti kif tkun l-imħabba ġenwina lejn il-Patrun smewwi tagħna:

"Ejjew mela lil Ġorġi kuruna
il-lum ninsġu, b'imħabbtu mkabbrin;
aħna nibqgħu għal dejjem ta'Ġorġi
u huwa jibqa' l Patrun ta' l-Għawdxin".

## KRONAKA PARROKKJALI

**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI**

07/03/2009 **Gianluca**, bin John Ludovic Gauci u Marlene Grima
18/04/2009 **Andreas**, bin Michael Refalo u Claudine Mercieca
19/04/2009 **Giuseppe**, bin Joseph Grech u Cheryl Borg
26/04/2009 **Chris**, bin Rochdi Hadhri u Dona Grech
26/04/2009 **Youssri**, bin Rochdi Hadhri u Dona Grech
26/04/2009 **Daniel**, bin Joseph Attard u Milva Cordina

**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

12/04/2009 **Peter Pace** u **Anastasia Ponyatovskaya**
18/04/2009 **Dennis Xuereb** u **Mariella Camilleri**
26/04/2009 **Ramona Marie Cassar** u **Samuel Azzopardi**

**MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXOXT**

24/02/2009 **Maria Cassar**
25/02/2009 **Angolina Aguis**
25/02/2009 **Marianna Pace**
06/03/2009 **Doris Apap**
11/03/2009 **Maria Dolora Galea**
19/03/2009 **Michaelina Gatt**
24/03/2009 **Marija Assunta Sacco**
28/03/2009 **Francesco Saverio Sammut**

*Il-Belt Victoria* hi pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Michael Formosa, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Kan. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit.

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*

cardonapaul@gmail.com



## Is-sens tal-pellegrinaġġ Kristjan

Għeżież qarrejja,

Insellmilkom. Xi jiem ilu ġie f'idejja l-Osservatore Romano, ġurnal tal-Vatikan, u qrajt il-messaġġ li l-Papa Benedittu XVI bagħat lill-popli tal-Ġordan u Israel u l-Palestinjani, messaġġ li qrah fl-aħħar ta' l-udjenza ġenerali ta' nhar ta' Erbgħa, fis-6 ta' Mejju 2009, fi Pjazza San Pietru. Waqt minnhom qal hekk: "Sa niġi għandkom bħala pellegrin ta' paċi. L-intenzjoni prinċipali tiegħi hi li nżur il-postijiet li saru qaddisa permezz tal-ħajja ta' Ġesù u hemmhekk nitlob għad-don tal-paċi u ta' l-għaqda...".

Il-parroċċa tagħna kull sena torganizza pellegrinaġġi kemm fil-gżejjer tagħna u kemm barra minn Malta. Dan l-aħħar sar wieħed fl-Art Imqaddsa, u qed norganizzaw ieħor għal Lourdes mid-29 ta Lulju sa l-4 ta' Awwissu 2009.

**Xi tfisser tkun pellegrin Kristjan?** Il-pellegrin Kristjan m'huwiex biss dak li jżur il-postijiet qaddisa; għandu jieħu sehem fl-istorja, f'dik l-istorja qaddisa, u fuq dak li ġara fil-passat jimpenja ruħu l-lum ħalli jgħix ħajja aħjar fil-futur. Fi kliem ieħor kull pellegrin Kristjan jagħmel tifkira ta' Kristu u l-esperjenza tiegħu, u l-pellegrinaġġ isir għalih esperjenza ta' salvazzjoni li tbiddillu ħajtu. Bejn it-tqaddis taż-żmien (il-Liturġija tas-Sigħat) u l-ispazju (id-dedikazzjoni tal-knejjes) jiġu l-pellegrinaġġi, u dawn huma kkaratterizzati minn żewġ relazzjonijiet: miż żmien (it triq tal-pellegrinaġġ) u l-ispazju (is-santwarju). Il-pellegrinaġġ jirrappreżenta l-mixja twila tal-bniedmin f'li jfittxu li jiltaqgħu ma' Alla.

Jeżistu ħafna santwarji, destinazzjonijiet ta' pellegrinaġġi, kemm fuq livell nazzjonali (bħalma huma Ta' Pinu, ir-Redentur ta' l-Isla, il-Madonna tal-Mellieħa u oħrajn) u kemm fuq livell internazzjonali (bħalma huma Lourdes, Fatima, Siracusa, Medjugorje, Padova, Pietrelcina u oħrajn). Fjiew nimxu flimkien mal-pellegrini: mit-triq għas-santwarju.

**It-triq**

L-idea ta' pellegrinaġġ titlob li wieħed jitlaq minn xi mkien, li wieħed iħalli l-ħajja l-imgħoddija (li jkun hemm distakk mill-ispazju u ż-żmien tal-ħajja ta' kuljum). Hu meħtieġ **iż-żmien** li jintuża fil-vjaġġ ħalli napprezzaw il-pellegrinaġġ u nagħtu sens lill-"mixja interjuri".

**It-triq.** Ilkoll kemm aħna mexjin u aħna ħafna. Meta l-pellegrinaġġi ma kinux organizzati bħal-lum, il tlvjaġġa flimkien kienet ħtieġa biex isostnu lil xulxin. Il-pellegrini li jmorru f'pellegrinaġġ bil-mixi huma ferm aktar il-lum, kemm fil-gżira tagħna u kemm barra minn gżiritna (Compostela, Lourdes, Chartres, Assisi...). Ħafna huma dawk li l-aħħar kilometri jagħmluhom bil-mixi.

**Il-preparazzjoni.** Il-mixja għandha tiġi ppreparata. Isiru laqgħat min naħa ta' l organizzaturi tal pellegrinaġġ, mhux biss biex jorganizzaw l-aspett materjali (trasport, lukandi...), iżda wkoll biex ikunu jafu lil xulxin, jippreparaw ruħhom għal dak li sa jgħixu fil-pellegrinaġġ. Ġieli jingħataw "librett ta' talb-gwida" li jkun fih talb kemm għall-grupp u kemm għall-użu personali, il-programm tal-pellegrinaġġ, iċ-ċelebrazzjonijiet u tifsira tas-santwarji li sa jżuru. Ħafna drabi l-pellegrinaġġ għandu skop u messaġġ xi jwassal lill-pellegrini.

**Il-vjaġġ.** L-animazzjoni tul il-mixja lejn is-santwarju hija prezzjuża ħafna biex ngħixu l-pellegrinaġġ b'mod tajjeb: għandu jkun hemm żmien għat-talb, għal kant reliġjuż, għal xhieda ta' l-aħwa. Hija opportunità biex nitgħallmu ngħixu u naqsmu ma' xulxin.

**Il-barka qabel it-tluq.** Il-bidu tal-pellegrinaġġ jista' jkun animat minn ċelebrazzjoni tal Kelma ta' Alla, il barka fuq il-pellegrini li sa jieħdu sehem fih. Hekk kien isir fil-qedem, kif tixhed din it-talba. "O Alla li tista' kollox u tal-ħniena, int ma tħalli nieqes minn xejn lil min iħobbok, u dejjem u kullimkien int qrib ta' min ifittxek b'qalb sinċiera;

*jissokta f'paġna 16...*

NIFIRĦU LIL Pauline Grech, soċja tal-*Museum*, li fil-kapitlu ġenerali tas-sezzjoni femminili tas-*Soċjetà tad-Duttrina Nisranija* mlaqqa' f'April 2009, intgħażlet bħala Primarja.





# GĦADEK FIĊ-ĊANS

**Facsimile** tal-ħarġa speċjali ta'

*Leħen il-Belt Vittorja*

DIĊEMBRU 1958-JANNAR 1959

*Akkwista* l-kopja tiegħek mill-uffiċċju parrokkjali u għix mill-ġdid il-ferħ Għawdxi ta' ħamsin sena ilu!

Kull donazzjoni b'risq l-ispejjeż tkun apprezzata...

# Lejn toponomastika Ġorġjana ta' Għawdex

...jaqbad minn paġna 1



It-triq ta' Qasam San Ġorġ il-lum,
li taqsam bir-raba' r-Rabat mill-irħajjel ta' Santa Luċija.

ċ-ċentru storiku tar-Rabat u tal-komunità Kristjana ta' Għawdex sa minn żminijiet bikrija jġib l-isem ta' San Ġorġ. M'huwiex magħruf meta daħal għall-ewwel darba l-kult lejn San Ġorġ fil-gżira Għawdxija imma huwa diffiċli timmaġina li l-Biżantini daħlu f'Għawdex biex joqogħdu mingħajr ma daħħlu ismu magħhom. L-ewwel dokument uffiċjali li jsemmi lil San Ġorġ tar-Rabat huwa dak tal-Ġublew tal-papa Nikola V tas-sena 1450 li jsemmi lil San Ġorġ fost il-knejjes li gawdew mill-indulġenzi. Mela kif qed naraw, "San Ġorġ" m'huwiex biss riferenza għall-qaddis martri imma wkoll għall-ħara li fiha tinsab il-knisja lilu ddedikata. L-espressjoni "Fejn San Ġorġ", li hija magħrufa l-iktar mill-parruċċani ta' din il-knisja imma wkoll min-nies tar-Rabat b'mod ġenerali, tinkorpora fiha l-pjazza, il-knisja u t-toroq li jwasslu għaliha, jiġifieri Triq Karità fuq ġenb wieħed, Triq San Ġorġ fuq il-ġenb l-ieħor u Triq is-Suq li tiftaħ quddiem il-bażilika. Nistgħu ngħidu li fuq fomm il-poplu "Fejn San Ġorġ" huwa toponomu li jiffissa spazju partikulari waqt li jokkupa kunċett li fl-ebda sens ma huwa astratt.

### San Ġorġ tal-Ħaġar

Ftit biss 'il bogħod mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fid-direzzjoni li tieħu lejn il-punent tagħha, insibu l-ħâra magħrufa bħala "ta' San Ġorġ tal-Ħaġar". L-awtur ewlieni li studja dan it-terminu fid-dettal huwa Pawlu Mizzi. Huwa sostna fuq it-teżi li l-kelma "ħaġar" f'dan it-terminu ma tfissirx sempliċiment il-"ġebel" bħal f'"borġ ġebel" imma tfisser "id-djar" (bl-Ingliż *settlement*), u li meta studjat fil-kuntest sħiħ ta' Għawdex u tal-pożizzjoni ġeografika li fiha jinsab, jirriferi għall-belt ta' Għawdex. Mela l-espressjoni "San Ġorġ tal-Ħaġar" m'hijiex biss riferenza għall-istatwa fil-ġebel tal-qaddis li nsibu fil-post fejn jiltaqgħu Triq San Ġorġ u Triq il-Librerija, imma hija frażi li tirriferi għaċ-ċentru storiku abitat ta' dan il-post.

### San Ġorġ tal-Qasam

It-tielet lokalità f'Għawdex li ġġib isem San Ġorġ hija n-naħa magħrufa bħala "ta' Qasam San Ġorġ". Din il-ħâra hija fil-fatt parallela ma' San Ġorġ tal-Ħaġar u bħal donnu trid turi li kif hemm il-parti urbana li ġġib isem il-qaddis ta' Lidda, hekk ukoll hemm il-parti rurali parallela magħha. Wieħed isib triqtu lejn Qasam San Ġorġ jekk mir-Rabat iħalli l-post imsejjaħ "wara ta' Gedrin" u jerħilha lejn ir-raħal ta' Ta' Kerċem imma jżomm mat-triq ta' fuq il-lemin tar-raħal bħal qisu sejjer lejn Santa Luċija. Bl-Ingliż din in-naħa hija magħrufa bħala *St George's Fief*. John Bezzina jsemmi dan f'artiklu minn tiegħu:



Dehra mill-bogħod tal-Mixta u Ras il-Wardija.

F'mappa ta' Għawdex riprodotta fil-ktieb *Operazione C.3* stampat f'Ruma fl-1965, mappa li titratta kif u f'liema nħawi kellu jillandja l-għadu fl-invażjoni t'Għawdex fl-1942, qrib l-inħawi ta' Ras il-Wardija nsibu mmarkati "Kasam Ben Jorj" u "Ġebel Ben Jorj". Barra min dan, il-qasam ta' ħdejn il-loġoġ Ta' Pinu huwa mmarkat bħala "Ta' San Ġorġ".[2]

Ikompli jgħidilna Bezzina li dan il-qasam isemmih ukoll Agius de Soldanis. Imma mbagħad Ġan Franġisk Abela jsemmi l-"Ġebel ta' Ben Ġorġ". Abela ma jsemmix il-Qasam ta' Ben Ġorġ qrib l-għadira ta' Sar Raflu qrib Ras il-Wardija. Rev. Dr Joseph Bezzina jsemmi dan ta' l-aħħar. Hu u jitkellem fuq dawn l-inħawi jgħid:

> *This proceeds upon* il-Ħawli, *the barren land;* Ġebel bin Ġorġ, *literally the fields full of rocks of the son of George...*[3]

Fil-ktieb tiegħu *A new geography of the Maltese Islands* il-Ġiżwita Malti u eks-rettur tas-Seminarju ta' Għawdex Anton Azzopardi jsemmi dan il-post ukoll. Min m'hux midħla tat-toponomastika ta' Għawdex jaħseb li Azzopardi qed ifixkel l-inħawi ta' Qasam San Ġorġ ma' dawk ta' Ġebel Bin Ġorġ meta jikteb fuq l-inħawi f'Għawdex li jinsabu mgħottija fil-*"lower coralline limestone"*;

> *On the edge of the north-west-south coast from Ras ir-Reqqa (north of Żebbuġ) right round to Ġebel San Ġorġ (east of Wardija Heights).*[4]

Madankollu jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-mappa ta' Għawdex riprodotta minn Dr Joe Zammit Ciantar fil-ktieb tiegħu *The placenames of the coast of Gozo (Malta)* tas-sena 2000 malajr jintebaħ li fil-fatt Għawdex għandu żewġ ħariet imsejħa "Qasam San Ġorġ": waħda tinsab int u dieħel Santa Luċija u l-oħra qiegħda fir-rokna tal-Ibiċ ta' Għawdex nofs triq bejn Tal-Ħarrux u Ta' Sarraflu; Ġebel Ben Ġorġ huwa mbagħad il-ħanek ta' fuq Ras il-Wardija 'l ġewwa minn Kap Bumbarda.[5]

**Riferenzi**

1 Erin Serracino-Inglott, *Il-Miklem Malti. It-Tmien Volum*, Malta 1984, 471.
2 John Bezzina, *Il-kult ta' San Ġorġ f'Għawdex, f'Il-Belt Victoria. Ħarġa speċjali f'għeluq l-1700 sena mit-twelid ta' San Ġrġ Martri*, 19 (Lulju-Awwissu 1984), 4.
3 Joseph Bezzina, *Santa Luċija (Gozo). The first village in the Maltese Islands* (=Gaulitana 27), 38.
4 Anton Azzopardi, *A new geography of the Maltese Islands*, Malta 2002, 98.
5 Joe Zammit Ciantar, *The placenames of the coast of Gozo (Malta)*, Malta 2000, 76-77.

# Għandna President jismu Ġorġ

Fl-aħħar ġranet spiss ilmaħna fuq il-media lokali l-espressjoni tant familjari "Ġorġi tagħna", b'riferenza għall-President il-ġdid tar-Repubblika ta' Malta, l-E.T. Dr George Abela. U għalkemm dawk li użaw din il-frażi aktarx għamlu hekk bla ma kienu jafu li tappartieni lilna l-Ġorġjani Għawdxin, ma qalux ħażin fuq il-President il-ġdid. Dr George Abela hu Ġorġjan bl għeruq u x xniexel!

Twieled Ħal Qormi, magħrufa bħar-Rabat tagħna bħala "il-belt ta' San Ġorġ", minn George u Ludgarda née Debono. Anki d-data tat-twelid tiegħu hi sinifikattiva, għax ra d-dawl fit-22 ta' April 1948, lejlet il-festa tal-qaddis patrun tal-parroċċa tiegħu. Abela ħa l-ġurament bħala t-tmien President tar-Repubblika ta' Malta fl-4 ta' April 2009, sewwa sew fix-xahar ta' San Ġorġ, u hekk sar l-ewwel President ta' Malta bl-isem ta' Ġorġ.



Imma ma jistax jitqies l-ewwel kap ta' l-Istat Malti li ġarr dan l-isem. Fiż-żmien li fih il-gżejjer Maltin kienu għadhom kolonja Ingliża, u għalhekk kienu jagħrfu lill monarka Ingliż bħala l-kap ta' l-Istat, fuq it-tron ta' l-imperu Brittaniku tiegħu erba' rejiet bl-isem ta' Ġorġ: Ġorġ III (1760-1820), li fi żmienu Malta saret kolonja Ingliża; Ġorġ IV (1820-1830); Ġorġ V (1910-1936), u Ġorġ VI (1936-1952), missier ir-Reġina Eliżabetta II, li ta l-medalja tal-*George Cross* lill-poplu Malti fil-15 ta' April 1942, b'ġieħ lill qlubija tal Maltin fit-Tieni Gwerra Dinjija. Dan is-simbolu sabiħ, li fuqu jġorr ix-xbieha illustri ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel rebbieħ fuq id-dragun, jinsab fuq il-bandiera ta' Malta, simbolu nazzjonali ta' kull min hu Malti. L-ewwel monarka Ingliż bl-isem ta' San Ġorġ, il-patrun ta' l-Ingilterra, kien Ġorġ I (1714-1727).

*Ritratt f'paġna 1*: George Abela fit-tfulija tiegħu, liebes ta' abbati flimkien ma' wieħed minn sħabu, iżommu f'idejhom l-istatwa ta' San Ġorġ ta' Għawdex.
(Ħajr: L-Uffiċċju tal-President, Valletta)



Ir-Re Ġorġ III, li fi żmienu Malta saret parti mill-imperu Brittaniku.



Ir-Re Ġorġ VI, li tana l-*George Cross*.



## Fuq il-passi ta' San Pawl fil-bażilika tagħna | 2

DAWRA MA' L-ARTI PAWLINA F'SAN ĠORĠ

*Francesco Pio Attard*
fpa@sangorg.org

# Il-kwadru ta' San Pawl tal-kor

Jingħad li l-ewwel xbihat ta' San Pietru u San Pawl maġenb it-titular ta' San Ġorġ kienu ikoni ta' stil Biżantin li nqerdu jew intilfu qabel inbniet il-knisja l-ġdida fl-1678. Dan it-"trittiku" jissemma, fost l-oħrajn, fid-deskrizzjoni ta' l-altar maġġur li jagħti l-isqof Mons. Baldassare Cagliares fl-atti taż-żjara pastorali tiegħu lill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ nhar it-23 ta' April 1621.

Flok dawn l-eqdem xbihat taż-żewġ Appostli li nafu li kien hemm fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, iktar tard, aktarx fl-1711, tqiegħdu żewġ statwi tagħhom maħduma fil-ġebla bajda Maltija li huma attribwiti lill-iskultur Giovanni Gafà (jew Cafar?), li f'ċensiment ta' l-1695 insibuh jgħix in-Nadur ma' martu u l-ħames uliedu. Ħallas għalihom Dun Mikielanġ Falzon (miet fl-4 ta' Mejju 1743) u qamu 295 skud. L-indikazzjoni li jagħti Mons. Giuseppe Farrugia fil-ktieb tiegħu *San Paolo Apostolo e Padre dei Gozitani* (1915) hi li dawn l-istatwi kienu nħadmu "sekli" qabel żmienu, għalkemm żgur mhux qabel il-bini mill-ġdid tal-knisja. L-ewwel jikkummenta fuq il-pitturi ġodda ta' San Pietru u San Pawl li saru fi żmienu u bit-tħabrik tiegħu: *"Nella parrochiale di San Giorgio, oltre l'altare gia nominato, l'imagine di S. Paolo e l'altra di S. Pietro si vedono nel coro a lato del titolare in due tele recentemente ivi collocate in luogo di due statue, che ora adornano la piazzetta della parrochiale del S. Cuore alla Gran Fontana"*; imbagħad f'nota oħra ċkejkna fuq iż-żewġ statwi li kien hemm qabel, Farrugia jikteb hekk: *"Queste due statue erano poste da secoli nella facciata interna della parrocrhiale in memoria d'un'antichissima chiesa di S. Paolo, che ivi esisteva"*. Dan l-aħħar dettall li jsemmi Farrugia hu indikazzjoni ta' tradizzjoni antika li kienet tgħid li fuq iz-zuntier l-antik tal-knisja ta' San Ġorġ kien hemm knisja ddedikata lil San Pawl, x'imkien imsejħa San Pawl tal-Qasam, u għalhekk



Il-kor l-antik ta' San Ġorġ sa qabel il-bidu tas-seklu għoxrin. Jidhru l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl.



Ritratt antik tal-knisja tat-Triq ta' l-Għajn, fejn tidher mill-bogħod l-istatwa ta' San Pietru fuq iż-żuntier.



L-istatwi ta' San Pietru u San Pawl il-lum, integrati fil-faċċata tal-knisja parrokkjali tal-Fontana.

kemm l-altar u kemm l-istatwa u warajha l-kwadru ta' San Pawl ifakkru l-preżenza ta' din il-knisja li kienet għadha wieqfa sa żmien De Soldanis.

Lura għaż-żewġ statwi, dawn tneħħew minn posthom fl-1903 u flokhom, fl-1906, tqiegħdu żewġ pitturi artistiċi bl-istess tema, xogħol il-pittur Ruman il-Prof. Attilio Palombi (c. 1860-1912), u għadhom hemm sal-lum. Il-kummissjoni saret, kif semmejna, mill-istess Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), magħruf bħala "Tal-Vers", li ried jissokta jsebbaħ il-kor il-ġdid li kien tkabbar b'inizjattiva tiegħu biex jakkomoda aktar sedji, waqt li kienet inbnietlu wkoll arzella. Dan sar għax kien tassew probabbli li fil-futur qarib il-parroċċa ta' San Ġorġ jingħatalha kapitlu kolleġġjali. L-isqof ta' dak iż-żmien, Camilleri, kien ta l-kunsens tiegħu. Imma sfortunatament dik l-avventura ntemmet qasir il-għomor minħabba l-bsaten fir-roti mqiegħda minn xi membri tal-kapitlu tal-Katidral. Fl-istess proċess kienu tkabbru wkoll l-absidi tal-knisja parrokkjali.

Il-pitturi ta' Palombi tħallsu minn Ġużeppi Grech, flimkien ma' wliedu Ġorġ u Franġisku. Dan jidher ċar fil-kliem miktub bl-aħmar fit-tarf tax-xellug fuq nett taż-żewġ pitturi: *"JOSEPH GRECH CUM GEOR. ET FRANCO. FILIIS DONO DEDERUNT AN. CH. MCMVI"* ("Ġużeppi Grech ma' wliedu Ġorġ u Franġisku għamlu din l-għotja fis-Sena tal-Mulej 1906"). Palombi iffirma wkoll ismu fuq iż-żewġ pitturi: il-kliem *"A. PALOMBI"* jidher fit-tnejn li huma biswit riġlejn il-qaddisin Appostli. Ħafna kritiċi artistiċi jaqblu li dawn iż-żewġ xogħlijiet huma l-aqwa ta' Palombi f'Malta; hekk kien jaħsibha żgur il-pittur Żejtuni Toussaint Busittul.

Hawn San Pawl jidher wieqaf f'qagħda solenni ta' mgħallem, b'daqna sewda twila li tlaħħaq sa sidru, ħafi, b'ħarsa serja imma kalma lejn il-ġenb, iżomm f'idu waħda xabla twila u ppuntata li sserraħ ma' l-art, u f'idu l-oħra l-ktieb lewn kannella u magħluq ta' l-ittri tiegħu li donnu qed iħaddnu ma' qalbu. Il-kulur aħdar li bih hu mlibbes il-qaddis, ikkumplimentat mill-aħmar tal-mantell li jdur ma' qaddu u jinżel jgħatti 'l riġlejh, Palombi ħadhom mill-pittura Pawlina ta' Erardi li tinsab fuq wieħed mill-altari tal-bażilika, u li fuqha tkellimna fit-tul fl-ewwel artiklu tas-sensiela. Żgur li Palombi, ta' artist tajjeb li kien, ra kif għamel biex f'San Pawl tiegħu ħoloq kontinwazzjoni fil-lemħa u l-kompożizzjoni ma' l-unika xbieha eqdem ta' San Pawl li kienet diġà tinsab fl-istess knisja, u li l-poplu kien ilu jara. Bla dubju li l-kuluri fini tal-pittura ta' Palombi jaqtgħu sabiħ ma' l-isfond iswed tal-kwadru.



Attilio Palombi fl-istess żmien kien qed ipitter l-affreski tas-saqaf tal-kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-belt Valletta, b'episodji mill-ħajja u l-ħidma tal-qaddis. L-ewwel xogħlijiet f'dik il-knisja hu lestihom fl-1902, u lejn tmiem il-kummissjoni hu kien kważi tilef id-dawl ta' għajnejh. F'Malta Palombi kellu bosta allievi, u kemm dam hawn pitter ukoll il-koppla tal-knisja tal-Furjana fl-1910, li sfortunatament inqerdet meta ġġarfet il-knisja fit-Tieni Gwerra Dinjija. Anki fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz, fir-raħal Għawdxi li jġib ismu, pitter bejn l-1908 u l-1909 il-kwadri laterali tal-kor, li juru żewġ episodji mill-ħajja tal-qaddis martri.

Fl-istess epoka li fiha Palombi pitter iż-żewġ kwadri ġodda ta' San Pietru u San Pawl, billi l-kor kollu kien qed jinbidel, dawn ġew imdawra bi gwarniċ tar-rħam *Gialli di Siena* u bi skultura dekorattiva mill-isbaħ u kulur id-deheb, maħduma fil-ġebel mill-iskultur Qormi Marku Montebello (1912-1988): din hi magħmula l-iżjed minn ward tar-rand u arzelel, fejn il-kuluri użati jaqtgħu sabiħ wisq fuq l-irħam ħadrani li jżejjen il-kor tal-bażilika. Fuq dan ta' San Pawl wieħed jilmaħ fost l-oħrajn iż-żewġ palmiet tal-martirju, u mnaqqax fil-ġebel jispikka l-ktieb ta' l-ittri ta' San Pawl miftuħ beraħ b'xabla wieqfa f'nofsu. Fuq iż-żewġ paġni tal-ktieb jidhru l-kelmiet miktuba bl-iswed jaqta' fuq l-isfar dehbieni: *"PRÆDICATOR VERITATIS"*, "Ħabbâr tas-Sewwa". Dan hu wieħed mill-appellattivi sbieħ mogħtija lill-Appostlu tal-Ġnus.

Sadattant iż-żewġ statwi tal-ġebel li tneħħew biex għamlu wisgħa għall-pitturi ta' Palombi, fl-1912 irnexxielu jiddobbahom Dun Ġużepp Hili għall-knisja parrokkjali l-ġdida tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Dik il-knisja fl-irħajjel tat-Triq ta' l-Għajn, daqsxejn ta' villaġġ tas-sajjieda fil-limiti tar-Rabat, kienet saret parroċċa fl-1911, wara li fl-1905 ġiet ikkonsagrata. U dan kollu il-bini u l-għoti tal-parroċċa sar bit-taħbit ta' Hili, li l-isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni Maria Hili OSA ħatru wkoll l-ewwel kappillan ta' hemm. Dun Ġużepp kien qassis ta' San Ġorġ, ħu l-mibki Mons. Alfons Maria Hili, arċipriet tar-Rabat bejn l-1918 u l-1943, li wkoll kien indaħal biex jgħin lis-sajjieda tal-Fontana fit-tħabrik tagħhom għal knisja u parroċċa ġdida. Għall-ewwel iż-żewġ statwi sarulhom żewġ pedestalli tal-ġebel u tqiegħdu wieħed fuq kull naħa taz-zuntier. Damu hemm snin twal sakemm wara l-bini tan-navi tal-ġnub (1965-1968) ittellgħu fejn jinsabu l-lum, fit-truf tal-friż fil-faċċata ta' l-istess knisja.

*Ritratt:* Il-kwadru ta' San Pawl, xogħol Attilio Palombi, fil-kor tal-bażilika ta' San Ġorġ.

# San Ġorġ Bażilika:
## Ħamsin sena mill-ġrajja (2)

Fi programm speċjali mtella' fuq l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria* nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2008, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tal-bażilika Ġorġjana, Francesco Pio Attard intervista lil **Paul M. Cassar**, eks-segretarju ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika La Stella u membru fi ħdan il-komunità parrokkjali tagħna. Hu tkellem magħna fuq it-tifkiriet sbieħ tiegħu ta' ħamsin sena ilu, meta San Ġorġ sar bażilika.

it-Tieni Parti ...jaqbad mill-aħħar ħarġa

### Festi ċelebrattivi f'Jannar 1959

Min-notamenti illi għandi ta' dawn is-seduti jirriżultali li oriġinarjament il-festi kellhom isiru s-Sibt 27 u l-Ħadd 28 ta' Diċembru 1958. Imma nqalgħu xi intoppi illi m'għandix irreġistrat x'kienu; ma nafx hux ma' l-Isqof jew ma' xi awtoritajiet ta' l-Istat li forsi ma setgħux jattendu, għalkemm l-Isqof kien il-mistieden prinċipali li taħt il-presidenza tiegħu ridna li jsiru l-festi kollha. Il-mewt ta' Piju XII fil-bidu ta' Ottubru wkoll fixklet ħafna. Aħna wkoll ridna nonoraw il-memorja tiegħu, u fil-fatt kienet il-bażilika tagħna illi ma' Għawdex kollu ħabbret il-mewt tiegħu, għax hu l-uniku papa li ffirma digriet ta' waħda mill-bażiliċi ta' Għawdex, kif turi għal dejjem l-arma tiegħu 'l fuq mit-tribuna u f'riġel il-koppla. Minħabba dawn iċ-ċirkustanzi kollha li ma kellniex kontroll fuqhom iddeċidejna li nipposponu kollox għas-Sibt 10 u l-Ħadd 11 ta' Jannar 1959.

Bħala programm konna ddeċidejna li nagħmlu programm mużikali l-*Oratorju Don Bosco*. F'dak iż-żmien is-Soċjetà ma kellhiex post tagħha fejn ittella' l kunċerti: il każin anqas biss kellna fejn nagħmlu kunċert fil-kumdità, ħlief żewġt ikmamar li neħħejnielhom il-ħajt ta' bejniethom. Dak iż-żmien l-*Oratorju Don Bosco* kien iċ-ċentru tar-Rabat, għax hu biss kellu sala kbira u ħelwa. Għalhekk kollox sar l-Oratorju, kif kien normalment isir f'okkażjonijiet bħal dawn, anki meta żanżanna l-istrumentatura ġdida f'dik l-istess epoka wkoll jew meta fakkarna ċ-ċentinarju ta' San Ġorġ, użajna l-Oratorju, li kellu rabtiet mal-parroċċa tagħna. Niftakru li Dun Pawl Micallef kien dejjem ġo San Ġorġ bħala sagristan maġġur, u l-istess Oratorju fetaħ qrib San Ġorġ, l-ewwel fi Strada Karità u mbagħad fi Strada Mons. Farrugia.

Iddeċidejna wkoll li dak il-programm ta' l-Oratorju jingħalaq bl-innu ta' Giardini Vella *A San Giorgio Martire*, li l-versi tiegħu kitibhom il-Prof. Luigi Billion. Dak hu innu immortali, li jagħmel il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġorġ eċċezzjonali u spettakolari. Imbagħad ħassejna li l-Ħadd fil-għodu kellna nagħmlu marċ: qabel konna ħa nagħmluh fil-għaxija, imma meta ppostopnejna l-programm biddilna l-ħsieb u dehrilna li l-marċ aħjar nagħmluh fil-għodu sabiex fil-għaxija mbagħad nagħmlu dimostrazzjoni kbira li twassal lill-Isqof mill-Palazz għall-bażilika ta' San Ġorġ, fejn ġie biex jintona t-*Te Deum* għall-ewwel darba fil-bażilika l-ġdida. U fil-fatt saret dimostrazzjoni kbira bl-Isqof mill-Palazz sa hawn. U sar programm fil-Pjazza aktar tard. Fil-knisja ma sarux akkademji, imma kien hemm din il-funzjoni tal-Ħadd li fiha nqara d-digriet, sar diskors ta' l-okkażjoni u ġie intonat it-*Te Deum*.



Dehra tal-kunċert li sar fl-Oratorju.



Il-kumitat tas-Soċjetà *La Stella* li kien responsabbli għall-kisba tal-bażilika l-ġdida u l-festi ċelebrattivi ta' l-1959.
Mix-xellug għal-lemin, fuq wara: Ġużeppi Cassar, Francesco Bezzina, Ġorġ Attard, Ġorġ Camilleri, Pawlu Pace, Ġużè Attard u Ġorġ Grech Cassar; fuq quddiem: Ġanni Galea, Paul M. Cassar, Ġużè Cefai, Ġorġ Galea u Ġużè Mercieca.



TELEFUNKEN
TELEVISION
THE VERY LATEST WITH THE
NEW MAGIC BAND
Agent:
L. Mifsud, 330, Prince, of Wales, Sliema.
Sub - Agent:
A. Farrugia Ellis, 134, Racecourse Str., Victoria.

Kuncert Vokali - Strumentali
MILL-GHAQDA MUŻIKALI T'GHAWDEX
"LA STELLA"
B'KOMMEMORAZZJONI TAL-ELEVAZZJONI
GHAD-DINJITA' TA'
BAZILIKA
TAL-KNISJA PARROKJALI TA' SAN GORG M. M.
FL-ORATORJU "DON BOSCO" - VITTORJA
Is-Sibt 10 ta' Jannar, 1959, fil-5.30 p.m.
TAHT IL-PRESIDENZA GHOLJA TAL-
Ecc. Tieghu Mons. Gius. Pace, D.D., J.C.D., Ph.D. Prel. Dom.
ISQOF T'GHAWDEX

Il-faċċata tal-programm tal-Kunċert Vokali-Strumentali, fl-*Oratorju Don Bosco*, is-Sibt 10 ta' Jannar 1959.

### L-arċipriet Mons. Mikiel Cefai

L-arċipriet Cefai kellu ħafna umiljazzjonijiet minħabba li kien iħobb lil San Ġorġ. Hu kien bniedem serjissmu, studjuż, assidwu għall-affarijiet tal-parroċċa, fejn kont issibu dejjem anki biex iqarar. Kellu serjetà tremenda, prudenza u dinjità li titlob ir-rispett ta' dak li jkun. Għalkemm kien mill-Qala, l-affarijiet ta' San Ġorġ kien jagħmilhom minn qalbu u b'ċerta diplomazija. Ċert li fid-digriet għen ukoll lill-isqof Pace fuq x'għandu jintbagħat Ruma sabiex il-Kongregazzjoni fil-Vatikan setgħet tniżżel ċerti dettalji fuq San Ġorġ fid-digriet tal-bażilika l-ġdida. Dawn il-kwalitajiet sbieħ tiegħu kienu ġejjin ukoll mill-arċiprieti ta' qablu, li kellhom l-istess serjetà u mħabba partikulari lejn San Ġorġ. Fil-fatt waqt l-arċipretura ta' Mons. Mikiel Cefai saru affarijiet kbar fil-knisja, fosthom id-dekorazzjoni u l-pittura... Kien stinka ħafna biex ġie l-pittur Gian Battista Conti, u hu wkoll li fassal miegħu s-suġġett ta' l-Apokalissi għall-koppla. Ħadem dejjem minn wara l-kwinti fejn ma setax jiddistingwi ruħu favur San Ġorġ. Dan kollu għamlu għax kien jaf li l-ġid parrokkjali li kien qed jagħmel, kien qed jagħmlu minn San Ġorġ. Il-"leminija" tiegħu, li kien jgħinu ħafna, kien Mons. Anton Grech Vella.

### "Leħen il-Belt Vittorja"

L-ewwel promutur ta' dan il-ġurnal kien il-mibki spiżjar Ġorġ Galea. Hu pprova jgħaqqad xi nies miegħu u nedewh, imma bħalma jiġri dejjem wara ftit miet l-entużjażmu tal-bidu. Billi kien f'isem is-Soċjetà u jien kont diġà segretarju f'dak iż-żmien, indħalt għalih. Konna nistampawh Malta, il-*Lux Press*. Ġorġ Galea eventwalment kellu jħalli l-kumitat għax ġie elett deputat fil-Parlament Malti, u fl-istatut kellna minn dejjem li ma ndaħħlux politika fis-Soċjetà. Hekk ir-riedni bħala editur waqgħu fuqi. Ma kontx nista' nirreġistra ruħi, għax kont naħdem bħala bibljotekarju u kien hemm klawsola dak iż-żmien li jekk tkun mal-Gvern ma tistax tkun editur ta' ġurnal simili; allura niżżilna isem ieħor. F'*Leħen il-Belt Vittorja* konna niktbu fuq diversi suġġetti, anki kontra l-pulizija, speċjalment fuq il-provokazzjonijiet li kienu jsiru f'Santa Marija. Ma konniex nibżgħu nagħmlu r-rapporti fuq nuqqasijiet li kienu jsiru u konna nibagħtu kollox lill-Kummissarju tal Pulizija.

### Bażilika tassew artistika

Il-qafas tal-bażilika kif nafuha l-lum nafuh lil Mons. Alfons Maria Hili, li fost il-monumenti illi għandna fil-knisja insibu wieħed f'ġieħu. Hu kien li tħabat biex il-knisja jkollha n-navi fis-snin tletin. L-ikbar diffikultajiet biex isir it-tkabbir kienu fuq in-naħa tal-lemin, int u tħares lejn il-faċċata, fejn hemm Triq San Ġorġ, għax hemm il-knisja ma kellhiex proprjetà tagħha. Fuq in-naħa tal-Vanġelu, fuq ix-xellug, kellha z-zuntier tagħha, imma n-naħa l-oħra kien hemm triq u flokha riedu jagħmlu n-navi. Wara ħafna taħbit irnexxielhom idaħħlu d-djar 'il ġewwa biex fetħu n-navi dik in-naħa u għamlu t-triq. Il-knisja damet ħafna b'ġenb wieħed; fil-fatt kienu ħarġuha li "San Ġorġ ħa jibqa' bi ġwejnaħ wieħed"! Imma San Ġorġ flok ġwejnaħ wieħed għandu tnejn, tar, u tar fuq kulħadd! Bix-xogħol li għamlu dawk kollha li jħobbu lil San Ġorġ, hu seta' jkun il-parroċċa distinta li verament jixraqlu li jkun.

### It-tribuna ta' Pisi

It-tribuna damet ħafna biex waslet, qabelxejn għax kien hemm ħafna diffikultajiet fuq x'ħa jsir u mhux ħa jsir. Aħna mill-ewwel ħsibna li biex ikollok dan id-distintiv ried ikollok xi ħaġa li tidher ukoll, barra t-titlu. U t-tribuna hi l-iktar ħaġa evidenti. Imbagħad kien hemm il-problema ta' fuqhiex ħa naqqgħu. Biex saret it-tribuna saru ħafna preparamenti bil-kartun biex jiġi kkalkulat il-kobor tagħha, u min jaf kemm konna nagħmlu esperimenti fil-knisja bil-lejl biex naraw biha hix ħa titgħatta l-arzella jew, agħar u agħar, tintmess il-prospettiva ġenerali tal-knisja. Biex għamilna din il-biċċa xogħol kien ta' għajnuna kbira Anton Saliba, Ġorġjan entużjast u dilettant ħafna tad-disinn; dan kellu sens kbir ta' proporzjon. Id-deċiżjoni waqqgħet fuq li ma nistgħu nagħmlu xejn aħjar minn kopja f'minjatura ta' dak li hemm fil-Vatikan: it-tribuna ta' Bernini.



Mudell oriġinali ta' Carlo Pisi għat-tribuna l-ġdida tal-bażilika ta' San Ġorġ. L-idea mbagħad twarrbet biex intgħażel il-mudell tal-Bernini li jinsab fil-Vatikan.

Billi Pawlu Pace kumbinazzjoni kien miżżewweġ lit-tifla tal-Professur Carlo Pisi, li kellu ġa xogħlijiet oħra f'San Ġorġ, bħall-*Via Sagra*, dan indaħal biex għamel din il-biċċa xogħol tassew artistika. L-ewwel li saru l-bażijiet u għamlu żmien twil waħidhom, għax

***jissokta f'paġna 14...***

# REALTÀ TA

***Marion Zammit tikkummenta fuq l-esperjenza tagħha t***
***membru tal-parroċċa tagħna flimkien ma' għaxar***

Huma inkwadri xierqa għall-kartolini x-xeni li jibqgħu mistura fl-għajnejn tal-memorja wara żjara fl-Art Imqaddsa, imma din il-medda art li tagħti għal fuq il-Mediterran hi vulkan li tistħajlu rieqed imma fil-fond tiegħu għadu jbaqbaq, lest biex jiżbroffa f'kull ħin.

Minn dejjem kienet art fil-qofol ta' ġlied bejn popli differenti. L-Imqaddes ipprofanizzat u missielet f'isem Alla, Jaħweh jew Allah. Sal-lum għadha mtertqa bejn l-interessi tal-Kattoliċi, il-Lhud, il-Musulmani, l-Ortodossi u tant reliġjonijiet oħra, kif ukoll bejn l-ideal politiku, kull tant ħolma, ta' żewġ stati – Israel u l-Palestina. Hu fl-isfond ta' dan kollu li tibda tipprova tifhem u tassorbi x-xeni li tara quddiemek, minn Nazareth sa Ġerusalemm, minn Lod jew Lidda sa Haifa.

Jekk għal mument twarrab dan kollu u sserraħ l-għajn fuq dak li tara, l-Art Imqaddsa hi post sabiħ, Mediterranju imma mhux Ewropew, f'dinja oħra, dinja Semitika li hi ferm 'il bogħod mill-istampi li jitwasslulna kuljum permezz ta' l-aħbarijiet internazzjonali. Kafarnahum, Kana, il-Baħar tal-Galilija, l-għoljiet tal-Golan, l-għolja tal-Beatitudnijiet u l-muntanja Tabor, Ġeriko fid-deżert, il-Baħar il-Mejjet – kollha joffru ġmiel naturali miżmum 'il bogħod mill-passi mgħaġġla tal-progress. Dan hu post fejn l-Għarbi jeżisti flimkien mal-Lhudi, fejn l-ilsien Malti ghal darba hu ċavetta ghal taħdidiet twal ma' anzjani u tfal, fejn tiltaqa' ma' nies mill-iktar dħulin li jġagħluk tħossok milqugħ f'pajjiż li fl-aħħar mill-aħħar hemm xi ħaġa qawwija komuni bejn tagħna u tagħhom.

Hawn issib borma mħawra ta' kulturi, esperjenzi, u sekli ta' storja mżewqa li kull tant tħossha tqila biex tassorbiha f'nifs, u ġġagħlek tixtarr kull minuta li tgħaddi għax l-esperjenza f'din l-art hi mill-iktar unika f'sens pożittiv. Imma mbagħad tanalizza dak ta' quddiem għajnejk. Knisja Kattolika magħġuna f'tempju ta' sitt reliġjonijiet, bl-iktar sit għażiż għall-Kristjani, dak tal-Golgota u l-Qabar ta' Kristu, fit-tendenza li jdub fl-attenzjoni għax reliġjon tissielet biex tinstema' iktar mill-oħra. Knisja oħra mhaddna minn moskea Musulmana, mibnija biex probabbli tisfida lill-oħra "għax din hi aħjar". Ġerusalemm, Betlehem, Lidda kollha flimkien l-istess storja. U mn'Alla kienu l-Franġiskani fl-aħħar ftit mijiet ta' snin li stinkaw biex il-preżenza Kristjana tkun hemm, u tikber, f'din l-art fejn twieled, trabba, miet u rxoxta l-Imgħallem Divin.

Imbagħad f'Nazareth, fil-wesgħa quddiem il-bażilika tat-Tħabbira, issib l-iktar eżempju reali u attwali ta' din il-"ġlieda" bejn ir-reliġjonijiet. sett *speakers* imqiegħda eżatt maġenb din il-knisja importanti għall-Kristjani, li jqajmu lill-pellegrini ma' l-4.00am u jaħsduhom bil-krib tat-talb f'ġieħ Allah... simbolu żgħir li jfakkar f'dak li seta' seħħ hawn, mhux sekli jew għexieren ta' snin imbiegħda, imma ftit snin ilu, fejn hemm fil-wesgħa ta' quddiem il-maqdes mibni fuq dik id-dar li rat il-bidu tal-Grajja, kien sa jkun hemm monument li jiġbor f'sintesi l-kunflitti reliġjużi: moskea enormi li tgħatti għal kollox il-bażilika ta' l-Annunzazzjoni. Biex turi min, verament, hawnhekk jikkmanda!

U fuq l-istess tema, l-esperjenza f'Lidda, post għażiż ħafna għall-Ġorġjani kollha. Tħoss qalbek tħabbat


1


2


3



# (UNTRASTI

***pellegrinaġġ parrokkjali lejn l-Art Imqaddsa, li għoxrin altin oħra għamlu bejn il-21 u t-28 ta' Frar 2009.***









**1** Il-wesgħa quddiem il-bażilika ta' l-Annunzjazzjoni, fejn kienet sa tinbena moskea.
**2** Lidda: il-knisja ddedikata lil San Ġorġ; imkaħħla magħha, il-moskea Musulmana.
**3** Il-ħajt li jagħlaq lil Betlehem wara sur. Hawn, ix-Xatt tal-Punent. Kwarta karozza bogħod hi l-belt imżewqa ta' Ġerusalemm.
**4** Ġerusalemm: is-Sepulkru, fejn il-fanali tar-reliġjonijiet differenti jfakkruk fil-kunflitt dejjiemi f'isem Alla.
**5** Ġerusalemm: suldati Israeljani fil-qalba tal-belt.
**6** Affresk ta' San Ġorġ fiż-żona Kattolika fil-knisja tas-Sepulkru, Ġerusalemm.
**7** Il-grupp tal-parroċċa fuq l-Għolja taż-Żebbuġ; fl-isfond il-belt ta' Ġerusalemm.

b'ritmu mgħaġġel hekk kif is-sinjali fit-triq jibdew juru "Lod" miktub ukoll b'ittri Latini bojod fuq sfond kaħlani, bin-numru ta' kilometri li jkun għad fadal dejjem jiċkien. Tasal hemm, katapultat fi żmien ieħor. Nisa lebsin il-velu, ħwejjeġ ikarkru sa l-art, jaraw x'jixtru mis-suq armat fuq naħa tat-triq. Tfal wiċċhom samrani, xagħarhom iswed imqanfed bħal ħwejjiġhom. Irġiel maqtugħin għalihom, mitfugħin mal-ħitan ipaċpċu f'qaqoċċa. *Skips* ifuru biż-żibel qisu ta' l-*iscammel* qiegħed fuq strajk. Ma jimpurtax. Din hi r-realtà differenti ta' din il-parti tal-Mediterran. Tersaq eqreb lejn it-tempju ddedikat lil Ġorġi tagħna, dehbi imma mhux bħall-maqdes li nsejħulu "id-dar". Kulħadd jitferżen, min jieħu r-ritratti, min jixtri l-ikoni, min jaħtaf kull *keychain* u *memorabilia* oħra li hemm li jfakkru lil San Ġorġ, u min jinżel isfel fil-kripta għas-skiet tal-qabar taż-żagħżugħ martri.

Imma mbagħad, l-aħbar li ħasdet lilna lkoll... ma nistgħux nagħmlu Quddiesa hawnhekk minkejja li ninsabu fi knisja Kristjana. X'inhu? L-Ortodossi mhux ħutna? Imma sfaw fix-xejn il-ħafna tentattivi ta' l-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia għax, minkejja l-isforzi kollha, it-tweġiba "le" kienet u "le" baqgħet. M'hemmx x'tagħmel... il-Quddiesa ssir barra, fit-triq, quddiem il-bieb tal-knisja ta' Ġorġi tagħna. Ir-riflessjoni f'moħħ ħafna kienet waħda: kif jista' jkun hawn paċi f'dan ir-reġjun jekk lanqas l-istess knejjes li jħarsu lejn Kristu l-Mulej ma jaqblu bejniethom? M'għandhom lanqas tolleranza u rispett bejniethom? Anzi, minn fuq, huma impikati flimkien...

Riflessjoni li bħal pittura tiġi ssiġillata f'inkwadru bi gwarnic sod. U l-gwarnic kien dan il-mument. F'Ġerusalemm, mexjin qalb il-kwartier pittoresk Lhudi, dorna kantuniera u sibna ma' wiċċna mijiet ta' suldati Lhud armati sa snienhom miġbura f'misraħ zgħir. Żgħażagħ ta' sittax, tmintax-il sena mgħobbija bit-toqol ta' armamenti kesħin li ma temminx li huma ta' vera. Hekk, aħna u mexjin qalb it-toroq li fulhom nhewdnu "Min jaf Kristu kemm terraq minn hawn", issib ma' wiċċek is-simbolu attwali tar-realtà tal-lum... l-"Art Imqaddsa" fil-qofol ta' kunflitti ma jieqfu qatt. U jekk il-veduti sbieħ u l-monumenti jġagħluk tħossok fi btala 'l bogħod mill-ħajja normali ta' kuljum, sajjetta f'nofs ta' bnazzi bħal din tarmik lura għar-realtà u tfakkrek li t-tfal żgħar li qed jgħixu u jilagħbu f'dawn it-toroq huma mhedda, ta' kuljum, mill-biżgħat ta' gwerer, ġlied u mewt.

Din hi l-Art Imqaddsa mil-lenti ta' xi ħadd li ta' kuljum isegwi x'inhu għaddej f'dal-pajjiż ċkejken tagħna u fl-aħbarijiet internazzjonali, fosthom f'dawn l-inħawi, li huma wkoll qrib ħafna tal-belt ta' Gaza, belt li isimha jqanqal tkexkixa kiesħa ma' dahar dawk li jsemmuh jew jisimgħuh. Dawn huma nħawi li għandhom ħafna x'joffru mil-lat storiku, kulturali u reliġjuż, imma li jgħixu f'realtà ta' kuntrasti u kunflitti li bħal donnhom magħġuna fihom.

*Marion Zammit hi ġurnalista tal-*Media.Link Communications.

# Id-devozzjoni lejn San Ġużepp (1)

*Noel Micallef*

Huwa fatt magħruf li d-devozzjoni lejn San Ġużepp matul is-sekli, partikularment fis-sekli ħmistax u sittax, kompliet dejjem tikber madwar id-dinja b'mod partikulari fil-pajjiżi ta' l-Ewropa, fejn il-Knisja Kattolika Rumana kellha influwenza kbira. Din xterdet fil-kamp ekkleżjastiku l-aktar permezz ta' diversi qaddisin u beati, oraturi u persuni oħra, speċjalment fil-qasam liturġiku, letterarju u artistiku, u f'ċerti okkażjonijiet affettwat ukoll il-kamp ċivili. Dan jixhduh diversi dokumenti li nsibu kkonservati fl-arkivji u fil-bibljoteki ekkleżjastiċi, ċivili u privati madwar l-Ewropa.



*San Ġużepp ix-Xiħ*, l-Istatwa antika ta' San Ġużepp miżmuma bl-ikbar għożża u devozzjoni fis-santwarju tar-Rabat ta' Malta. Din hija xogħol fl-injam tas-seklu sittax u ġiet Inkurunata fl-1 ta' Mejju 1963, b'digriet tal-papa Piju XII li jġib id-data tas-27 ta' Lulju 1956

**L-ewwel festi f'ġieħ San Ġużepp**

Kienu l-Benedittini li fis-seklu disgħa daħħlu fil-martiroloġji l-festa ta' San Ġużepp. Imma diġà wara l-Konċilju ta' Trento (1545-1563) insibu li diversi monasteri tagħhom kienu jiċċelebraw din il-festa. L-ewwel festa f'ġieħ dan il-qaddis kienet frott tal-ħidma ta' l-Ordni Franġiskan, li proprju ġiet imwaqqfa uffiċjalment fil-kapitlu ġenerali li kien sar f'Assisi fl-1399.

Seba' snin wara l-qasma li kienet seħħet bejn il Knisja Ortodossa u l-Knisja Kattolika Rumana, fl-1472, seħħet deċiżjoni importanti fl-istorja tal-kult lejn San Ġużepp. Din kienet l-introduzzjoni tal-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu, fil-kalendarju tal-Knisja Kattolika Rumana, mill-papa Franġiskan Sistu IV, fl-1479. Huwa ried ukoll li jdaħħal din il-festa fil-Missal u l-Brevjar Ruman bħala festa li tiġi ċċelebrata f'Ruma. Din il-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu bdiet ukoll tixtered f'diversi postijiet ta' l-Ewropa, u fl-1569 insibu li kienet tiġi ċċelebrata f'ta' l-anqas sebgħin belt ta' l-Ewropa.[1]

Wieħed jista' jinnota li l-ordnijiet reliġjużi kienu strumentali ħafna fit-tixrid tad-devozzjoni lejn San Ġużepp, b'mod partikulari fil-pajjiżi ta' l-Ewropa, li f'dan il-perjodu taż-żminijiet Rinaxximentali (1460-1600) li qegħdin nitkellmu fuqu, ħafna minnhom kienu jinsabu f'pajjiżna wkoll. Dawn kienu l-Franġiskani Konventwali, id-Dumnikani, l-Agostinjani, il-Karmelitani u l-Franġiskani Minuri. Allura għandna nifhmu li bħala ordnijiet b'xi mod jew ieħor xi forma ta' devozzjoni lejn San Ġużepp xerrdu huma wkoll fost il-poplu Malti.

**Il-festa ta' San Ġużepp f'Malta**

L-eqdem fratellanza ta' San Ġużepp hija bla dubju dik tar-Rabat ta' Malta, magħrufa bħala l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Sa mit-twaqqif tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-patrijiet Franġiskani Minuri fir-Rabat, insibuha diġà tiffunzjona f'dan il-maqdes ta' dawn il-patrijiet li kellhom devozzjoni lejn dan il-qaddis. Tant hu hekk li dan l-ordni kien ilu għal żmien twil, sewwa sew sa mill-1399, jiċċelebra liturġikament il-festa ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu. F'dokument nutarili ta' l-1508, in-nutar Gio. Domenico Gatt jgħid: "Il Konfraternità ta' San Ġużepp twaqqfet fis-sena 1245 u hi l-aktar kongregazzjoni qadima tal-Belt *Notabile* u s-subborg tagħha, waqt li twaqqfet mitejn sena qabel ma waslu f'Malta l-patrijiet Franġiskani ġta' Ġieżuħ kif insibu fil-kotba tagħhom".[2]

Kien għalhekk f'dan il-kuntest u ż-żmien ta' tixrid u qawmien tal-kult u d-devozzjoni lejn San Ġużepp, kemm fl-Ewropa u kemm f'Malta, li wassal lill-kapitlu tal-Katidral u l-ġurati ta' l-Università, jiġifieri l-ogħla awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi ta' Malta ta' dak iż-żmien, biex jordnaw fil-katidral ta' l-Imdina li l-festa tal-Patrijarka San Ġużepp tibda tiġi ċċelebrata bl-akbar solennità minn dik is-sena 'l quddiem. Id-dokument jgħid hekk:

L-imħabba ħerqana u l-qima mħeġġa li kemm il-kleru kif ukoll il-poplu ta' Malta dejjem kellu u għandu l-lum ukoll lejn il-Patrijarka San Ġużepp, ġiegħel lill-kapitlu u lill-kunsill ġenerali jiltaqgħu flimkien biex, kif jitolbu l-merti u l-privileġġi kbar tiegħu, jiddeċiedu li l-festa tal-qaddis Patrijarka tiġi ta' kull sena ċċelebrata b'solennità. Dehrilhom li dan il-qbil tagħhom biex il-festa msemmija tiġi ċċelebrata b'solennità għal dejjem u għaż-żminijiet kollha kien imnebbaħ mis-sema. Għalhekk qatgħuha li ad unur ta' San Ġużepp, il-missier putattiv tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, ikun jaqbel li jitniżżel bil-miktub dak li kien intqal bil-fomm bejn il-kapitlu ġenerali mlaqqgħin u miġburin fil-knisja katidrali ta' Malta. Hekk il-fidili tal-lum u ta' għada wkoll ikollhom xi jfakkarhom f'dak li ntlaħaq ftehim dwaru, mingħajr ħadd ma kien kuntrarju, li l-festa ta' San Ġużepp, għaż-żminijiet kollha li ġejjin u għal dejjem, tiġi mħarsa u ċċelebrata b'solennità u ferħ kbir, b'solennità u qima. Għalhekk dawk kollha li jmorru kontra dan, jaqgħu fil-pieni u ċ-ċensuri mniżżlin fil-liġi u stabbiliti mill-konswetudni. U biex jitfakkar dan il-permess u ordni għall-festa li semmejna u tiġi ċċelebrata kull sena kif għidna, qed tiġi reġistrata din il-kitba; għaldaqstant sar dan il-privileġġ u ġie msaħħaħ mill-firem ta' dawk kollha li isimhom jidher hawn taħt u mwettaq bis-siġill tagħhom.

Maħruġ Malta, 16 ta' Ġunju 1508.
Nos Petrus Xeberras Locum Tenens Offici Vicari
Petro de Stunica Iurato
Ego Manfredus de la Habica Iuratus
Matteu Cesar Iurato
Manfrè Caxaru Iurato
Il-Wisq Rev. Locum Tenens Dom. Vicari fl-assenza tiegħu qabbad IIII, Don Iacobo de Vassallo Manifico Notario.

Maħruġ mill Atti tal-Kurja Veskovili ta' l-Imdina Għamilt kopja għalija n-Nutar Gio. Domenico Gatt, nutar maġistrali ta' l-imsemmija kurja.[3]

U sabiex tibqa' titfakkar din il-ġrajja tas-16 ta' Ġunju 1508, ta' kull sena l-kapitlu metropolitan nhar id-19 ta' Marzu fil-għodu jitlaq mill-katidral ta' l-Imdina proċessjonalment għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fejn issir konċelebrazzjoni solenni. Sa l-1818, mal-kapitlu metropolitan kien jakkumpanja wkoll il-*Capitano della Verga* u l-ġurati ta' l-Università (jiġifieri l-ogħla awtoritajiet tal-Gvern ta' dak iż-żmien) li kienu magħrufa wkoll bħala s-Senat. Dawn kienu wkoll jassistu għall-Quddiesa solenni tal-kapitlu fil-knisja msemmija u wara l-Quddiesa l-Kaptan tal-Virga kien joffri fuq l-altar tal-kappella ta' San Ġużepp torċa rikka ddekorata bl-istemma nazzjonali, bħala sinjal ta' qima u devozzjoni tal-poplu Malti lejn il-kbir glorjuż Patrijarka San Ġużepp.[4] Wara li kienet tispiċċa din il-Quddiesa l-kapitlu metropolitan, akkumpanjat mill-istess fratelli ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u l-komunità tal-patrijiet Minuri, kien jerġa' jmur lura b'korteo proċessjonali ieħor lejn il-katidral.

Il-lum il-ġurnata, minflok il-Kaptan tal-Virga u l-ġurati ta' l-Università, jieħdu sehem is-sindki tal-kunsilli lokali tar-Rabat, ta' l-Imdina u ta' l-Imtarfa, fejn waqt il-Quddiesa solenni joffru xemgħa simbolika lil San Ġużepp.[5]

***jissokta fil-ħarġa li jmiss***



*Ritratt mill Berqa ta' Mejju 1956 li juri parti mill-folla kbira li nġabret nhar it-Tlieta 1 ta' Mejju 1959 fuq il Fosos tal Furjana, biex tagħti ġieħ lil San Ġużepp Ħaddiem fil-festa ġdida tiegħu li ġiet imwaqqfa mill-Papa Piju XII. Għall-okkażjoni kienet ittieħdet purċissjonalment l-istatwa ta' San Ġużepp "ix-Xiħ" tar-Rabat*

## Riferenzi


1 CASHA Anthony, *X'wassal biex il-festa ta' San Ġużepp f'Malta bdiet tiġi ċċelebrata b'solennità*, f'*Leħen il-Komunità Ġużeppina*, Rabat, Malta 2008, 64.

2 *Dokument ta' l-1508 dwar il-Konfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina*, f'*Is-Santwarju ta' San Ġużepp*, Nru 94, Rabat, Malta 2008, 2.

3 Ara *Leħen il-Komunità Ġużeppina*, Rabat, Malta 2008, 53. Dan id-dokument inkiteb bil-Latin fl-1508 u jinstab fl-arkivju tal-katidral ta' l-Imdina, *Ms. Miscellanea Notiarium*, Tom. 27, ff. 232-233. Kien ġie maqlub għall-Malti minn Patri Ġużepp Beneditt Xuereb OFM u mill-Kan. Ġwann Azzopardi fl-1982.

4 *Fuljett Kommemorattiv. 500 sena festa*, Rabat, Malta 2008.

5 *Festi Solenni f'ġieħ San Ġużepp*, f'*Leħen il-Komunità Ġużeppina*, Rabat, Malta 2008, 58.

   

# Xogħol ta' restawr fuq il-Kurċifiss

Kulħadd faħħar ix-xogħol urġenti ta' restawr li sar fuq il-Kurċifiss mirakuluż li hu meqjum fil bażilika ta' San Ġorġ, wara li xi voluntiera li jgħinu fil-manutenzjoni u l-armar intebħu b'tislit ta' żebgħa li kienu qed jaqgħu minnu. Dan ġara meta l-Kurċifiss tniżżel minn postu fil-kappella Biżantina biex jittieħed wara l-altar maġġur għal żmien ir-Randan, kif isir kull sena.

Malajr saret il-konsultazzjoni meħtieġa u ġew ikkuntattjati r-restawraturi Taljani li fl-1997 kienu nġabu minn Napli biex jirrestawraw l-istatwa ta' San Ġorġ. Dawn l-istess restawraturi kienu ħadmu wkoll fuq il Kurċifiss fejn kienet dehret xi ħsara u kienu wkoll naddfuh mill-ħmieġ u n-nugrufun li kellu fuqu. Imma dak in-nhar ma kienx sar restawr sħiħ fuqu.

Wara laqgħa pubblika li saret fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia,* kemm il-Prof. Rev. Ugo Dovere u r-restawratur Aurelio Talpa spjegaw dak li kien ġara u wieġbu mistoqsijiet fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-Kurċifiss, it-tipi ta' interventi meħtieġa, l-idoneità tal-kappella bħala post li jinżamm fih, l-użu tiegħu fil-purċissjonijiet u l-mixegħla tax-xemgħa quddiemu.

Il-parruċċani li attendew għal-laqgħa ġew assigurati li l-unika ħaġa meħtieġa li ssir hija restawr sħiħ ta' l-istatwa. L-esperti Taljani qalu wkoll li l-unika ħsara li jista' jsofri hu mill-bidla f'kolp tal-kundizzjoni klimatika aktarx sħuna li jkun jinsab fiha għall-kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa u umda li tista' sseħħ meta jinħareġ mill-knisja għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-parruċċani – inklużi l-proprjetarji tal-lukanda *Ta' Ċenċ* – kienu ġenerużi ħafna fil-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-ispejjeż tar-restawr, spejjeż li ma kinux jinkludu x-xogħol tar-restawraturi Taljani li fil-fatt għamluh b'xejn.

Fl-okkażjoni tax-xogħol limitat ta' restawr li sar, iżżanżan skroll tal-fidda sterlina, bil-kelmiet *"INRI"* miktuba bid-deheb fuqha, li tħallset ukoll minn membru tal-parroċċa.

Il-Kurċifiss mirakuluż, li kien sar daqs mija u sittin sena ilu, kien ġie kkummissjonat proprju biex jinħareġ fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbir, u għalhekk din is-sena wkoll inħareġ għal din il-purċissjoni devota u penitenzjali, l-ewwel waħda f'Għawdex.

*...jaqad minn paġna 9*



mhux lakemm tlesti proġett bħal dan fi fti żmien u l-introjtu għall-knisja ma kien jiġi minn imkien ħlief mid-donazzjonijiet tal-parruċċani tagħna u mill-għir li kien iħobb jagħmel il-prokuratur Dun Anton Grech. Anki biex tqiegħed l-altar maġġur iktar kmieni tħabtu ħafna nies, kif juru bosta ritratti tat-tqegħid tiegħu.

**Messaġġ f'dan l-anniversarju**

L-awguriu tiegħi hu wieħed: Kunu verament Ġorġjani, mhux fil-festi ta' San Ġorġ biss, imma matul is sena kollha! U għall-funzjonijiet tal-knisja, speċjalment dawk li hu marbut jattendi għalihom l-Isqof tagħna bħala dekan tal-kolleġġjata, attendu numerużi. Dawn huma mumenti li jiddistingwu l-parroċċa tagħna mill-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex. Ejjew ma ninsewx li dawk li tħabtu qabilna biex San Ġorġ ikollu l-post eċċezzjonali, dinjituż u ġust li għandu l-lum. Infittxu li nħobbu lill-parroċċa tagħna u nissieltu għad-drittijiet tagħha kif issieltu missirijietna...

*Paul M. Cassar kien segretarju/teżorier ġenerali tas-Soċjetà* La Stella *bejn l-1966 u l-1992, u president tagħha fl-1993. Bejn l-2000 u l-2003 kien ukoll sindku tal-kunsill lokali tal-belt Victoria.*

Pawlu Pace josserva x-xogħol fil-post fejn inħadmet it-tribuna, għand id-ditta *Belfiore* f'Ruma.

# Qaddisin "Ġorġjani" 20

B'RABTA MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

## SAN BASTJAN

(tifkira liturġika fl-20 ta' Jannar)

M'humiex ftit ir-rabtiet bejn San Ġorġ u San Bastjan. Nibda mill-fatt li jgħodduhom mal-lista tal-martri militari peress li kemm Georgius u kemm Sebastianus kienu suldati fl-armata Rumana (u kull nisrani hu "suldat ta' Kristu" ukoll, *"athleta Christi"*). Il-kuntrast bejniethom hu li l-kult ta' wieħed beda fil-Lvant (San Ġorġ), ta' l-iehor fil-Punent.

L-ewwel dettalji fuq il-martirju ta' San Bastjan (forsi fis-sena 288, waqt il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu) tahomlna Sant'Ambroġ l'omelija (*Sermo XX*) fuq is-salm 118. Jgħidilna li kien minn Milan, fejn bdiet il-qima lejh. Skond l-*Acta Sanctorum* (is-seklu ta' wara) u l- *Legenda Aurea*, Bastjan kien kaptan Pretorjan (mill-Gallia Narbonensis) taħt Djoklezjanu u Massimjan (li ma kinux jafu li kien nisrani). Iżda nkixef meta ħeġġeġ fil-fidi pubblikament lil żewġ priġunieri minn familja nobbli (it-tewmin Marku u Marċelljanu) li nieshom kienu qegħdin jissukkawhom jaħarqu l-inċens lill-idoli biex jeħilsu mill-martirju. Kliemu saħansitra wassal biex Żoe (mart Nikostratu, uffiċjal tal-post) turih li trid issir nisranija hi stess. Malli dan, irritornatilha l-vuċi: kienet ilha muta sitt snin. Dan il-miraklu wassal għal iktar konverżjonijiet, fosthom tal-ġenituri tat-tewmin (Trankwillinu u Marzja) u bin il-prefett (San Tiburzju). Nikostratu anki ġieb il-priġunieri l-oħra għall-magħmudija.





Id-deskrizzjoni popolari tal-martirju ta' San Bastjan nafuha minn dawn ir-rakkonti wkoll; ta' min jgħid li, skond il-pitturi li waslulna, għaddew is-sekli qabel ma bdew jirrappreżentawh bil-vleġeġ. Peress li l-vleġeġ ma qatluhx, Djoklezjanu ordna li jagħtuh bil-bsaten sa x'ħin ikunu ċerti li miet. Għalkemm ġismu ntrema, dehra wasslet biex jinstab ħalli jista' jindifen. Il-fdalijiet tiegħu l-lum jinsabu f'San Sebastiano fuori le mura (knisja qadima mibnija, bl-isem ta' *Basilica Apostolorum*, fuq il-qabar proviżorju ta' San Pietru u San Pawl); magħha għandna l-Katakombi ta' San Bastjan: din il-kelma oriġinat hemm (minħabba t-tip ta' blat).

B'eżempju ta' rabta oħra bejn Bastjan u Ġorġ, nuri tila ta' Rubens **(1)** biż-żewġ qaddisin ma' xulxin: abbozz (il-lum fil-mużew ta' Caen) ta' biċċa minn titular għoli qrib sitt metri fil-knisja ta' l-Agostinjani f'Antwerpen (Anversa). Inġib ukoll **(2)** rokna minn xogħol tal-bidu tas-seklu ħmistax (probabbilment għal kunvent tas-sorijiet iżda li tinsab f'mużew fi Frankfurt) bi stil totalment differenti: murija donnhom tfal, għandna lil San Bastjan (jgħannaq is-siġra li magħha rabtuh għall-martirju), lil San Ġorġ (b'dahru lejna) u lil San Mikiel. Fil-fatt dawn m'humiex xi rarità! Mhux biss jeżistu pitturi minn diversi epoki bihom it-tnejn, imma għandna każi ta' xbieha ta' San Bastjan fi knisja ddedikata lil San Ġorġ (u bil-kontra). Nafu li l-professur Conti inkluda lil San Bastjan fost il qaddisin jagħtu qima lil San Ġorġ fl-arzella tal-kor tal-bażilika tagħna.

Lanqas ta' min jinsa l-fatt li huma l-patruni taż-żewġ parroċċi ta' Ħal Qormi. Matul is-sekli San Bastjan intgħażel bħala patrun ta' bosta postijiet u kategoriji. Jitolbuh ukoll għall-ħelsien minn diversi perikli u mard: fosthom insemmi l-pesta; u dan japplika anki għal San Ġorġ. Inżid li l-lista tal-*"vierzehn Heiligen"* jew *"Nothelfer"* (l-"erbatax-il qaddis li jgħin", jew awżiljaturi, meqjuma għall-interċessjoni tagħhom sa mill-Medjuevu fil-Ġermanja u fl-artijiet tal-madwar ) tinkludi lil San Ġorġ u, f'xi verżjonijiet, lil San Bastjan ukoll.

Nagħlaq b'relazzjoni oħra bejniethom: il-bażilika magħrufa ta' San Giorgio in Velabro x'aktarx kienet iddedikata lil San Bastjan (mill-papa Ljun II fis-seba' seklu) sa meta l-papa San Żakkarija ħa hemm ir-relikwa tal-kranju ta' San Ġorġ f'nofs is-seklu ta' wara.

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Issa ninsabu fl-istaġun sabiħ tar-rebbiegħa, meta l-kampanja tieħu xejra oħra u tinkesa bi twapet ħodor tal-ħaxix li jħajruk għal xi passiġġata. Għadna kemm ħriġna miż-żmien sabiħ ta' l-Għid imqaddes: rajt ħafna minnkom jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll f'dik ta' l-Irxoxt; oħrajn rajthom ukoll jisimgħu l-eżerċizzi li għamlilkom Dun Geoffrey. Tassew prosit! Issa xi jmiss? April iġibilna miegħu l-jum importanti tat-23, meta nagħmlu l-festa tal-patrun tagħna San Ġorġ. Ħadd m'għandu jitlef il-quddiesa u t-tqarbina f'dak il-jum jekk tassew inħobbu lil dan it-tribun li xerred demmu għal Kristu. Malajr jitgerbeb iż-żmien u nsibu ruħna nhejju għall-festa l-kbira tiegħu li dis-sena ġejja l-Ħadd 19 ta' Lulju.

Imma qabel tasal il-ġimgħa tal-festa, ftakru li għad fadlilkom ħafna jiem ta' skola u eżamijiet. Jekk tridu tgawdu l-festa u tgħaddu sajf b'moħħkom mistrieħ, tridu tistinkaw minn issa f'dawn il-ftit ġimgħat li fadal. Is-suċċess jinkiseb bis-sagrifiċċju u mhux bil-ġiri barra u b'ħafna ħin quddiem it-TV. Daż-żmien għandkom ukoll il-kompjuter u ħafna minnkom qed tgħaddu ħafna ħin bla bżonn quddiemu taħlu l-ħin fil-logħob u fiċ-*chatting*. Il-kompjuter tajjeb biex jgħinkom tagħmlu xi proġett u riċerka oħra, imma bħalissa tridu twarrbuh imbagħad biex tkomplu tistudjaw u tagħmlu r reviżjoni. Inkella ma tmorrux tajjeb fl eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena Tinsewx x'jgħid il-qawl Malti: "Li tiżra' taħsad!". Sadanittant min hu tassew bil-għaqal isib ukoll il-ħin għad-duttrina, għat-talb u għal xi laqgħa li jaf ikollkom tal-*Legion of Mary*, tal-*Museum*, ta' l-Azzjoni Kattolika u x'naf jien. Kull ħin hu ħinu! Mela tiegħmu sewwa dawn il-ftit versi biex ma jiddispjaċikomx! Awguri mill-qalb sa ma nerġgħu niltaqgħu!

*Iz-Żiju Joe*

U issa sa ngħaddu għall-kompetizzjoni. Sa nerġa' mill-ġdid nagħtikom **sitt iqwiel Maltin** biex timlew il-bqija tagħhom. It-tweġibiet għandhom jaslu f'dan l-indirizz: "Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex, sa mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2009. Jingħata ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin* (tel: 21 551 325) lit-tweġiba li titla' bix-xorti fost dawk li jwiegbu tajjeb.

1. Agħmel il-ġid u nsieh;
2. Akbar int
3. Agħtini xortija
4. Aħjar għasfur f'idejk
5. Aħjar ħabib fis-suq
6. Aħjar għerfek

klabb kotba maltin

Ir-rebbieħa ta' l-aħħar kompetizzjoni kienet **Emma Attard** ta' Triq San Duminku, Victoria. Nifirħulha.

...jaqbad minn paġna 3

ħares lil uliedek fil-pellegrinaġġ u mexxihom fuq il-passi tat-tieqa tiegħek, sabiex, imwennsa bid-dell tiegħek mal-jum u mdawla bid-dawl tiegħek bil-lejl, ikunu jistgħu jilħqu l-għan mixtieq". Il-Kelma ta' Alla tiftah it-triq: jiġu mfakkra l-għanijiet tal-pellegrinaġġ. Nitolbu l-grazzja 'l Alla li nsibuh u nitolbuh ukoll li jwassalna qawwijin u sħaħ sas-santwarju.

**Is-santwarju**

Id-destinazzjoni tal-pellegrinaġġ hija post, biċċa art, kappella, qabar jew xi fdalijiet ta' xi qaddis, xi post ta' dehriet: il-bażilika ta' San Pietru f'Ruma, il-qabar ta' San Franġisk ta' Assisi, il-qabar ta' San Ġorġ f'Lidda, il-grotta ta' Lourdes.

**Il-post qaddis.** Aktar milli ssib 'l Alla f'xi post ipprivileġġjat, dan jikkonsisti f'li wieħed imur xi mkien fejn tinħass aktar il-preżenza ta' Alla. Tingħata xhieda ta' dak li jkun ġara fil-passat (il-preżenza ta' xi qaddis jew ta' xi dehra) f'post fejn kien sar xi martirju, f'binja ta' xi tempju jew bażilika fejn twettqet il-ħajja, il-passjoni u l-mewt ta' Kristu, ta' l Appostli, tal martri, hemm fejn hemm miġbura l-għadam tal-qaddisin, fejn il-qaddis għadu jagħti xhieda tal-preżenza ta' Alla li dawlet il-ħajja tiegħu. Inġeddu ħajjitna. Fis-santwarju mmorru biex infittxu li **nġeddu ħajjitna**, grazzja frott il post: Gerusalemm, Ruma, Lourdes...

**Ritorn.** Il pellegrinaġġ ma jispiċċax fis santwarju. Jeħtieġ nirritornaw id-dar. Hemm żewġ modi kif ngħixu dan: (1) ***L-ex-voto***: Wieħed iħalli l-firma tiegħu fuq ir-reġistru, iħalli miktub l-iskop tal-pellegrinaġġ; jirringrazzja lil Alla, jitlob grazzji partikulari. Iħalli, kważi għal dejjem, ir-raġuni tal-mawra tiegħu u tat-talba tiegħu. (2) **Tifkira:** Li wieħed jieħu miegħu lura lejn daru (domni, statwi, xbihat, ilma...) ikun ta' xhieda ta' dak li jkun għex u wettaq, u jgħinu jiskopri fih innifsu "il-post qaddis" – il-grotta ċkejkna ta' Lourdes... – ħalli jkompli jgħix interjorment il-pellegrinaġġ.

Dan hu l-ispirtu li nixtieq li ngħixu lkoll kemm aħna kull darba li nieħdu sehem f'xi pellegrinaġġ għal santwarji u postijiet qaddisa fejn tinħass verament il-preżenza ta' l-imħabba ta' Alla.



# TISLIBA

**Mimdudin**

1 Minn hawn ġew iż-żewġ esperti tar-restawr. (5)
3 Dawn jieħdu ħafna bħalhom fl-Art Imqaddsa. (8)
7 Kienu jiktbu fuqu fi żmien Kristu. (6)
8 Dan użaw biex ippjanaw it-tribuna. (6)
10 Minn hawn kien l-arċipriet Cefai. (4)
11 Dan ħaduh fil-bidu t-tmien Presidenti ta' Malta (8)
14 Perjodu ta' żmien. (5)
16 F'dan ix-xahar miet Piju XII. (7)
17 Hekk kien kunjomu l-ewwel kappillan tal-Fontana. (4)
20 Qligħ. (8)
21 Tużaha ħafna l-mara tad-dar. (5)
23 Post f'Malta (7)
25 Kunjom pittur Ruman. (7)
26 Sa issa kien hawn tnejn dinjija minnha. (6)
27 Triq fir-Rabat. (6)
28 Imut għal Kristu. (6)

**Weqfin**

2 Wieħed li jmexxi 'l quddiem xi kawża jew proġett. (8)
4 Hekk kien Anton Azzopardi fis-Seminarju ta' Għawdex. (6)
5 San Ġorġ hu wkoll patrun ta' hawn. (10)
6 Bastjan kien kaptan fl-armata tiegħu. (11)
8 Ordni reliġjuż. (11)
9 Hekk tissejjaħ il-Kurja ta' l-Isqof (9)
12 Kitba fuq l-ismijiet tal-postijiet. (11)
13 Il-kult ta' San Bastjan beda f'din in-naħa. (6)
15 Hekk jisimha l-bażilika li fiha hemm il-fdalijiet ta' San Bastjan (11)
18 Stil artistiku marbut ma' epoka storika (8)
19 Mons. Alfons Maria Hili kien arċipriet hawn. (5)
22 Post fi Franza. (4)
24 Kulur il-mantell ta' San Pawl. (5)

**Rebbieħ ta' Jannar-Frar 2009**
Ir-rebbieħ tal-ħarġa li għaddiet hu **George Scicluna** ta' 137, Triq Għajn Qatet, Victoria.

Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: **Tisliba – *Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex**, jew inkella permezz ta' email lil **neville@sangorg.org**, sa mhux aktar tard **mil-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2009**. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba. Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess.

**Premju:** Ir-rebbieħ jieħu xirja ta' €35 minn għand ***Ta' Ġolina Supermarket*** ta' 275, Triq il-Għajn, il-Fontana; tel: 21 554 067.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Frar - Marzu 2009



*Andrew Formosa*

andrew@ilbeltvictoria.org

**4 ta' Frar 2009**
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali tul l-amministrazzjoni ta' Mons. Pawlu Cardona bħala arċipriet tal-bażilika ta' San Ġorġ. Tul din il-laqgħa tqajmu diversi punti fuq l-attivitajiet li kienu resqin.

**10 ta' Frar 2009**
**09.00am:** Fil-festa kmandata ta' San Pawl saret konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika mmexxija minn Mons. Carmelo Scicluna, kantur tal-kapitlu, bis-sehem ta' l-i*Schola Cantorum*.

**11-13 ta' Frar 2009**
**06.00pm:** Bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mbierka ta' Lourdes sar it-Tridu bl-omelija, mill-Kan. Giovanni Mercieca, il-Kan. Joseph A. Borg u Mons. Ġużeppi Farrugia, rispettivament.

**14 ta' Frar 2009**
**06.00pm:** Fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mbierka ta' Lourdes, saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, li fiha ngħata s-sagrament tal-Griżma tal-Morda, u wara pellegrinaġġ Marjan *aux flambeaux* madwar it-toroq tal-parroċċa bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes. Ħadu sehem il-membri ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija ta' l-Ordni ta' San Ġwann.



**19 ta' Frar 2009**
**07.15pm:** Fit-tieni laqgħa li saret tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali ġie elett segretarju Francesco Pio Attard.

**21-28 ta' Frar 2009**
Sar il-pellegrinaġġ parrokkjali fl-Art Imqaddsa, imexxi minn Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, u bil-kollaborazzjoni tal-Kummissarjat Malti ta' l-Art Imqaddsa. Fost id-diversi postijiet b'rabta mal-Fidwa tagħna, dan il-grupp żar Nazareth, Kafarnahum, Betlehem, Lidda u Ġerusalemm.

**25 ta' Frar 2009**
**06.00pm:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-bidu taż-żmien liturġiku tar-Randan, li fiha sar ir-rit tar-rmied bħal kif sar fil-Quddies kollu f'Ras ir-Randan.

**1, 8, 15, 22 u 29 ta' Marzu 2009**
**04.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar mill-kapitlu u bis-sehem tal-poplu.

**2-6 ta' Marzu 2009**
**07.30pm:** Sar fil-bażilika l-ewwel kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan, offrut lill-miżżewġin tal-parroċċa, minn Patri William Axiaq OFMCAP.



**6 ta' Marzu 2009**
**09.00pm:** Il-grupp taż-żgħażagħ *23four>>* fi ħdan il-parroċċa ltaqa' fil-bini taċ-ċentru parrokkjali għal laqgħa ta' formazzjoni u talb, li tulha saret spjegazzjoni tal-Vanġelu u fl-aħħar ingħatat il-barka ewkaristika.

**9-13 ta' Marzu 2009**
**04.15pm:** Sar fil-bażilika t-tieni kors ta' eżerċizzi mis-sensiela ta' sitta offruti mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Dawn l-eżerċizzi kienu mmirati għal kulħadd u tmexxew minn Patri Juan Debono OCD.

**16-19 ta' Marzu 2009**
**07.30pm:** B'deċiżjoni ta' din is-sena, il-parroċċa offriet kors ta' eżerċizzi għall-adoloxxenti tal-parroċċa. Dawn

saru minn Dun Dominic M. Sultana, vigarju parrokkjali, u kienu organizzati mill-grupp *23four>>*. Il-laqgħat li saru alternaw bejn il-bażilika u waħda mis-swali taċ-ċentru parrokkjali.

**20-21 ta' Marzu 2009**
**08.00pm:** Il-kors ta' eżerċizzi mmirati għaż-żgħażagħ sar bejn il-Ġimgħa u s-Sibt. L-għażla waqgħet fuq dawn il-jumejn biex jistgħu jintlaħqu ż-żgħażagħ li jkunu Malta tul il-ġimgħa. Dawn saru fis-sala taċ-ċentru parrokkjali u tmexxew minn Dun Dominic M. Sultana, vigarju parrokkjali.

**22 ta' Marzu 2009**
**07.00am:** L-istazzjon komunitarju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* beda jxandar bi skeda sħiħa, li kopriet parti miż-żminijiet tar-Randan u ta' l-Għid.
**11.00am:** L-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex, mexxa pontifikal solenni fuq stedina li saritlu mill-kapitlu tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ fl-okkażjoni ta' għeluq it-tmenin sena tiegħu. Fil-bidu tal-konċelebrazzjoni hu ġie pprezentat mill Arċipriet b'mitra ġdida, b'turija ta' rikonoxximent għall-ħidma li għamel bħala isqof djoċesan. Mons. Cauchi min-naħa tiegħu rregala lill bażilika l-mitra tiegħu. Wara l-pontifikal saret ikla għall-kleru fiċ-ċentru parrokkjali.



**07.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia kien iċ-ċelebrant ta' Quddiesa speċjali f'għeluq l-eżerċizzi għaż żgħażagħ u għall adoloxxenti. Kemm l-eżerċizzi u l-Quddiesa kienu organizzati mill-grupp *23four>>*.

**23 ta' Marzu 2009**
**07.30pm:** Saret assemblea parrokkjali fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* fejn tfisser fid-dettall ix-xogħol ta' restawr u monitoraġġ fuq il-Kurċifiss mirakuluż meqjum fil-bażilika tagħna, magħmul fl-injam fl-1848 minn Pietru Pawl Azzopardi. Fil-laqgħa tkellmu r-Rev. Prof. Ugo Dovere u Aurelio Talpa, restawraturi Naplitani li fil-passat diġà kienu wettqu xogħol simili fuq l-istess statwa, u li dak in-nhar stess fil-għodu kienu waslu fil-bini tal-parroċċa u bdew minnufih ix-xogħol fuq il-Kurċifiss. Ir-restawraturi ġew imsejħa Malta wara li fil-ġimgħat ta' qabel ix-xbieha antika u devota kienet uriet xi ħjiel ta' ħsarat. Ix-xogħol ta' restawr fil-jiem bejn it-23 u l-24 ta' Marzu sar fis-Sala *Mons. Emmanuel Mercieca*, fis-sular ta' fuq taċ-ċentru parrokkjali. Ir-restawraturi taw daqqa t'għajn ħafifa lejn xi statwi oħra, bħal dik ta' Ġesù u Marija u ta' San Ġorġ. Il-Kurċifiss tqiegħed lura fil-kor tal-bażilika l-Ħamis 26 ta' Marzu.



**23-27 ta' Marzu 2009**
**07.30pm:** Sar fil-bażilika l-ħames kors ta' eżerċizzi, għal kulħadd, immexxi mill Kan. Mikiel Borg, rettur tal-knisja ta' San Pawl f'Marsalforn.

**27 ta' Marzu-2 ta' April 2009**
**06.00pm:** Saret fil bażilika s-Settiena tad-Duluri, sebat ijiem ta' tħejjija għall-festa popolari tad-Duluri. Il-Quddiesa bl-omelija saret mill-Kan. Ġwann Sultana, rettur tal-knisja ta' San Anton Abbati fix-Xagħra.

**28 ta' Marzu 2009**
**06.00pm:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni bl-omelija tas-Settiena tad-Duluri mill-Kan. Ġwann Sultana, u wara saret il-*Via Matris* fit-toroq ta' madwar il-bażilika.

**30 ta' Marzu 2 ta' April**
**04.30pm:** Sar fil-bażilika l-ħames u l-aħħar kors ta' eżerċizzi għar-Randan ta' din is-sena. Dan il-kors kien għat-tfal tal-parroċċa u sar minn Dun Geoffrey George Attard, saċerdot tal-parroċċa u vigarju koperatur fil-parroċċa taż-Żebbuġ.

**kull ġimgħa**

- **It-Tnejn u t-Tlieta fis-7.30pm:**
  *Lectio Divina* (ċentru parrokkjali)
- **Il-Ħamis fis-6.00pm:** Ħamisijiet ta' San Ġorġ,
  **fis-7.30pm:** Adorazzjoni fis-skiet (bażilika)
- **Il-Ġimgħa fis-7.00pm:**
  *Bible Study Group* (ċentru parrokkjali)
- **Is-Sibt fl-4.00pm:**
  Laqgħa ta' l-abbatini (ċentru parrokkjali)
- **Is-Sibt fis-7.30pm (kull ħmistax):**
  Laqgħa tal-koppji għarajjes (ċentru parrokkjali)

# Mid-djarju tal-parroċċa



Il-purċissjoni penitenzjali u devota tal-Ġimgħa l-Kbira, l-eqdem waħda f'Għawdex, ħierġa mill-bażilika ta' San Ġorġ, f'jum Ħamis ix-Xirka, 9 ta' April 2009.




Il-pontifikal solenni ta' Jum San Ġorġ, il-patrun tal-belt Victoria u tad-djoċesi u l-protettur ta' l-Għawdxin, nhar il-Ħamis 23 ta' April 2009, fil-bażilika Ġorġjana tal-belt Victoria.

## Ħidmet il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira







**Wieħed mill-kumitati l-aktar ħabrieka fil-parroċċa tagħna hu dak tal-Ġimgħa l-Kbira, li għandu f'idejh il-biċċa xogħol iebsa li jorganizza l-purċissjoni devozzjonali u penitenzjali li toħroġ mill-bażilika tagħna, l-eqdem waħda fil-gżira Għawdxija u l-unika fiż-żewġ gżejjer li żammet l-għamla oriġinali tagħha. Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena stajna ninnutaw tliet opri ġodda:**

**1**. Is-salib tal-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira għandu tabella ġdida ta' l-*INRI* għall-parti ta' fuq tiegħu. It-tabella, li qed tieħu post waħda eqdem, hi maħduma fil-fidda u maħsula fid-deheb għand id-ditta *Laga Company Ltd* ta' Ħal Luqa. Tħallset mill-benefattur Sammy Rapa.

**2**. Għar-refflegħa kollha tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, b'kollox sittin, inħadem sett ġdid ta' kontratiji, fl-istil tradizzjonali u l-kulur kannella, kif stipulat mill-istatut tal-Fratellanza tal-Kurċifiss (1893; kap. IX, par. I). Ix-xogħol tal-ħjata sar kollu b'xejn minn Maria Farrugia.

**3**. Inħadmet għand l-istatwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi l-vara ta' l-Orazzjoni fl-Ort, li turi lil Ġesù għarkubbtejh u b'idejh magħqudin ġo xulxin fit-talb, imlibbes drapp aħmar u blu, waqt li l-anġlu qed ifarrġu b'id waħda fuq spalltu u l-oħra żżomm id Kristu. Il-wiċċ ta' Kristu, b'rasu baxxuta u bil-qtar tad-demm fuq ġbinu, tassew joqrob fix-xebh lejn dak tal-Kurċifiss ta' Pietru Pawl Azzopardi. Wara ż-żewġ persunaġġi hemm bħas-soltu siġra kbira taż-żebbuġ li tfakkar fil-ġnien li fih seħħet il-ġrajja. L-istatwa jonqosha xi rtokki żgħar li sa jsirulha fix-xhur li ġejjin.